**STQARRIJA MINISTERJALI MAGĦMULA MILL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA FIS-SEDUTA 149 TAT-2 TA' OTTUBRU 2023 DWAR L-AIR MALTA**

Sur President, ħa nerġa' nenfasizza kemm huwa fl-interess nazzjonali li pajjiżna jkollu linja nazzjonali tal-ajru li tkun waħda b'saħħitha. (Onor. Membri: Hear, hear) Huwa dwar dan li se nkunu qegħdin naġġornaw lil dan il-Parlament illejla. Ħa mmur lura għall-bidu ta' din il-leġiżlatura u saħansitra qabel ukoll. Din kienet kwestjoni li tajnieha importanza assoluta. Ma noqgħodx ngħid importanza bid-diskors, imma b'ħafna u ħafna ħidma strateġika.

Illum huwa dak il-mument li, kif wegħedna, niġu hawnhekk u naġġornaw lil dan il-Parlament b'dak li fassalna għal pajjiżna u naturalment b'dak li qbilna dwaru mal-Kummissjoni Ewropea wara xhur twal ta' negozjati. Huma negozjati li ħadu madwar 30 xahar, negozjati li taw riżultat pożittiv u llum b'wiċċi minn quddiem niġi hawnhekk u ngħid li r-riżultat aħħari tagħhom huwa wieħed fl-interess nazzjonali ta' pajjiżna.

L-interess ta' pajjiżna huwa li jkollna linja nazzjonali tal-ajru b'saħħitha, li ttir permezz ta' mudell li jkun sostenibbli, li jkun wieħed realistiku u li kummerċjalment jagħmel sens. Huwa proprju fuq dak li wasalna llum. Dak li qed nitkellmu dwaru huwa l-assigurazzjoni ta' linja nazzjonali tal-ajru li quddiemha għandha garantit futur fis-sod.

L-Air Malta għandha storja li tmur lura għal 50 sena ilu u kienet il-viżjoni ta' dan il-Partit fil-Gvern; kienet il-viżjoni tal-Perit Duminku Mintoff, li din il-gżira jixirqilha jkollha l-linja nazzjonali tal-ajru tagħha. (Onor. Membri: Hear, hear) Mhux se noqgħod insemmi l-għasafar taċ-ċomb! Issa nsemmuhom fid-dibattitu dawk, imma ma nistax ma nsemmix kemm ħaddieħor kien xettiku, kemm m'emminx fil-potenzjal ta' din il-gżira li jkollha l-linja nazzjonali tal-ajru tagħha. Aħna, dwar il-potenzjal ta' pajjiżna, hu x'inhu s-settur li qed nitkellmu dwaru, qatt ma nkunu xettiċi għax nemmnu bis-sħiħ fil-potenzjal ta' dan il-pajjiż u fil-potenzjal ta' dan il-poplu tiegħu. Aħna Partit li nemmnu f'pajjiżna, u t-twemmin li kellu l-Perit Mintoff 50 sena ilu, li ra t-twaqqif tal-Air Malta minkejja ċ-ċirkostanzi diffiċli ta' dakinhar, huwa l-istess twemmin tagħna llum. U huwa għalhekk li fin-negozjati kollha li kellna nagħmlu mal-Kummissjoni tlaqna minn punt wieħed li kien kardinali għalina u li ma kienx negozjabbli: li pajjiżna kellu bżonn linja nazzjonali tal-ajru. Dak baqa' prinċipju konsistenti. Il-Kummissjoni kienet fehmitna sew u sodisfatt li niġi hawnhekk u nirrapporta li dak il-prinċipju kardinali wasalna għalih. Kellna Air Malta, għandna Air Malta u se jibqa' jkollna linja nazzjonali tal-ajru. (Onor. Membri: Hear, hear)

L-Air Malta tul il-medda tas-snin kellha d-diffikultajiet tagħha, però d-diffikultajiet ma ġewx waħedhom. Id-diffikultajiet ġew għax sħabi ta' faċċata meta kienu fil-Gvern, partikolarment fis-snin 90, ħadu deċiżjonijiet strateġiċi li lill-Air Malta, li dak iż-żmien kienet kummerċjalment vijabbli, kellha operat li kien sostenibbli, kienet kumpanija li kienet asset rich, ġabuha għarkupptejha. U se nfakkar waħda minn dawk id-deċiżjonijiet: ix-xiri ta' erba' ajruplani li ma kenux jiswew għall-kumpanija. Dik kienet waħda mill-ħafna deċiżjonijiet li lill-kumpanija ġabuha għarkupptejha. Illum il-poplu jrid jerfa' l-piż tagħhom dawk id-deċiżjonijiet, bħalma jrid jerfa' - u se jkun qed jispjega aktar tard il-Ministru Clyde Caruana - il-piż ta' deċiżjoni maġġuri oħra li ttieħdet fl-2007 u l-2008. Għad-deċiżjoni li n-naħa l-oħra ħadet biex tinfluwenza d-deċiżjonijiet elettorali ta' pocket żgħir ħafna ta' nies, illum irridu nħallsu, mit-taxxi tal-poplu tagħna, €90 miljun biex neħilsu mill-obbligi li n-naħa l-oħra għabbiet lill-kumpanija bihom.

X'għamlu wkoll tan-naħa l-oħra? Kull tant snin kienu jiġu bi proċess ta' risrutturar. Imbagħad jgħaddu medda żgħira ta' snin u jerġgħu jgħidu: Reġa' għandna bżonn proċess ta' ristrutturar ieħor. Dak li qed nagħmlu differenti llum huwa li qed nagħmlu proċess wieħed li bdejnieh b'serjetà mal-Kummissjoni mill-bidu sal-aħħar u llum qegħdin nagħtu ċertezza u stabilità fit-tul.

Daqskemm kien hemm mumenti negattivi, kien hemm ukoll episodji li kienu sbieħ, u ta' dan irrid irrodd ħajr minn qalbi lill-eluf ta' ħaddiema fl-Air Malta li ddedikaw ħajjithom biex jaraw li l-kumpanija timxi 'l quddiem, minkejja deċiżjonijiet politiċi żbaljati li ttieħdu tul medda tas-snin, ħaddiema li għamlu minn kollox biex taw servizz u din il-kumpanija baqgħet miexja.

Però, biex inkun għedt kollox - għax nippreferi nkun oġġettiv - tajjeb ngħid li għal-linji tal-ajru dawn l-aħħar snin ma kinux faċli. Kien hemm pajjiżi kbar li kellhom sfidi kbar; insemmi Ċipru, l-Ungerija u l-Italja. Kien hemm djalogi mal-Kummissjoni li spiċċaw kompletament bil-kontra ta' dak li rnexxielna ninnegozjaw aħna. Kien hemm min, b'realtajiet ġeografiċi bħal ta' pajjiżna, spiċċa mingħajr linja nazzjonali tal-ajru. Kien hemm pajjiżi ħafna ikbar minna li telqu b'daqs ta' kumpanija li kien tant - u forsi kellhom bżonn dak id-daqs - imma spiċċaw biex il-Kummissjoni ġegħlithom jikkonkludu fuq mudell ta' operat li kien ferm iċken. Dik kienet xi ħaġa li aħna ma ridnihiex u għalhekk kien punt ta' premura li għamilna mal-Kummissjoni, b'żieda ma' dak ewlieni li ridna l-linja nazzjonali tal-ajru tagħna, li kien hemm ċerti prinċipji li ma stajniex nidderogaw minnhom. U ma stajniex nidderogaw minnhom għax bħala Gvern u bħala kumpanija konna nafu d-daqs preċiż biex il-kumpanija tkun waħda kummerċjalment vijabbli.

X'inhuma dawn il-prinċipji? Il-flotta, in-numru ta' ajruplani. Jekk kien hemm punt ta' kontestazzjoni - kontestazzjoni li għamilnieha bl-aktar mod ġust u leali mal-Kummissjoni, li minn hawnhekk nirringrazzjaha tal-għajnuna li tatna - kien li d-daqs il-ġust tal-flotta jkun ta' tmien ajruplani. Dan nafuh mill-mod kif tirna f'dawn l-aħħar xhur, mill-mod kif il-kumpanija ħadmet meta kellha flotta ta' għaxra, ta' disgħa u ta' tmienja. Nafu anke bil-pariri li tawna l-esperti tekniċi li d-daqs il-ġust ta' din il-kumpanija huwa ta' tmien ajruplani. Tlaqna minn punt li l-Kummissjoni riedet tgħidilna: Le, mhux tmienja, imma inqas. Aħna kkonvinċejna lill-Kummissjoni - u nirringrazzja lill-Ministru Clyde Caruana u l-bqija tat-tim tiegħu – li d-daqs il-ġust huwa tmienja. Wasalna mal-Kummissjoni li naħdmu bi flotta ta' tmien ajruplani.

Ridan wkoll li l-linja nazzjonali tal-ajru tibqa' ġġorr l-istess ammonti ta' passiġġieri li qed iġġorr illum. Irnexxielna; dak li qegħdin naraw huwa li se nkunu qegħdin inġorru saħansitra kemxejn iżjed passiġġieri milli qed nagħmlu llum.

Ridna wkoll li nibqgħu ntiru lejn id-destinazzjonijiet li huma l-aktar kruċjali. Hekk se jsir fl-iskeda strutturata skont pariri esperti fis-settur tal-avjazzjoni, skeda li, tista' tgħid, il-karatteristika ewlenija tagħha se tkun waħda li żżid is-seat load factor minn dak li kien tradizzjonalment ta' madwar 75%, għal dak, kif diġà tela', b'medja ta' 88%. Hemm flights li saħansitra jiżbqu d-90%! B'mod sempliċi, hawnhekk qed nitkellmu fuq kemm l-ajruplan ikun mimli. Dan jallaċċja intimament mal-punt li kull titjira li tagħmel l-Air Malta trid tkun waħda li hija profitabbli. Mhux aċċettabbli li jkun hemm, kif kien hemm fil-passat, titjiriet li jitilfu l-eluf ta' Ewro. Prinċipju ieħor li se nżommu miegħu huwa li jekk irridu li din il-kumpanija jkollha futur - u determinati li nagħtuha futur stabbli - minn kull titjira li ttir, il-kumpanija trid tagħmel profitt.

Punt ieħor ta' prinċipju huwa n-numru ta' impjegati. Kien hemm żmien meta biex ittajjar disa' jew għaxar ajruplani, il-kumpanija kellha 1,400 ruħ. Minn mindu d-dekasteru beda jiġi mmexxi mill-Onor. Clyde Caruana, biex il-kumpanija ttajjar tmien ajruplani kellha 1,000 impjegat. Illum sibna li d-daqs il-ġust huwa dak li se nkunu qegħdin nagħlqu fuqu issa, jiġifieri 375 impjegat. Dan qed ngħidu biex nifhmu kemm l-effiċjenza tal-kumpanija se tkun qed tiżdied. Imma hemmhekk ukoll imxejna mal-ħaddiema bi prinċipju. Aħna ma xħetniex id-deċiżjonijiet ħżiena li ttieħdu fuq il-ħaddiema. Aħna tajna garanzija ċara lil dawk il-ħaddiema kollha li mhumiex se jibqgħu fl-Air Malta li se jkollhom l-għażliet: jew ikomplu mal-kumpanija, jew offrejnielhom impjieg fis-settur pubbliku bl-istess kondizzjonijiet li kellhom.

Aħna m'aħna qatt dak il-partit li se jabbanduna lill-ħaddiem u d-deċiżjonijiet il-ħżiena li ttieħdu ma nixħtuhomx fuq il-ħaddiema. (Onor. Membri: Hear, hear) Ma tajniehomx kondizzjonijiet kif kienu għamlu tan-naħa l-oħra meta ddeċidew li jagħlqu x-shipyard; l-ewwel nett, dak iż-żmien kienu sforzawhom u mbagħad tawhom kondizzjonijiet tat-terminazzjoni li, tista' tgħid, kienu redikoli. Rajna li nippreżervaw id-dinjità tal-ħaddiema.

L-isem. Nifhem kemm l-isem Air Malta għandu valur sentimentali mal-Maltin kollha, miegħi l-ewwel wieħed, u kemm huwa brand li jġorr miegħu orgolju. Hawnhekk irrid ngħid li din mhijiex brand tal-kumpanija Air Malta plc, imma hija brand li tappartjeni lill-Gvern ta' Malta. Il-ftehim mal-Kummissjoni huwa li biex dan l-isem ikun jista' jintuża minn linja tal-ajru oħra, irid ikun hemm proċess kompetittiv u, kif intqal aktar kmieni f'konferenza stampa li tajna jien u l-Ministru Clyde Caruana, il-linja nazzjonali tal-ajru tagħna se tkun f'qagħda b'saħħitha li tkun tista' tidħol għal dan il-proċess.

Niġi għall-aħħar punti li nixtieq nagħlaq fuqhom. Se nassiguraw transizzjoni minn linja nazzjonali għal linja nazzjonali tal-ajru li tkun waħda bla sulluzzu, jiġifieri transizzjoni seamless. Hemm pjan ċar ħafna għas-sitt xhur li ġejjin, li jeħodna sa Marzu li ġej, u minn hemmhekk u 'l quddiem hemm pjan ukoll li jeħodna għas-snin ta' wara. Dawk li xtraw jew beħsiebhom jixtru biljetti ta' titjiriet mal-Air Malta għandhom is-serħan il-moħħ; il-Ministru Clyde Caruana se jkun qed jispjega kif se tkun qed taħdem is-sistema. Il-prinċipju jibqa' li l-obbligi kollha se jibqgħu onorati u se nħarsu 'l quddiem li saħansitra ntejbu s-servizz.

Sur President, deċiżjoni qawwija bħal din - u qed nitkellmu fuq deċiżjoni qawwija kemm fl-investiment li se jsir fil-kumpanija l-ġdida, kif ukoll deċiżjoni li tidħol fi djalogu serju bħal dan mal-Kummissjoni u twassal il-bastiment fejn trid twasslu - hija frott id-determinazzjoni li nieħdu deċiżjonijiet iebsa. U ma neħdux deċiżjonijiet iebsa skont it-timeline elettorali, imma nieħdu d-deċiżjonijiet skont ma jiddetta l-interess nazzjonali. Aħna determinati li nħallu Malta aħjar minn dik li sibnieha aħna għall-ġenerazzjonijiet futuri. Hija d-determinazzjoni tal-Gvern li jaħdem fuq il-ħafna tajjeb li sar tul is-snin imma li jindirizza fejn seta' sar aħjar.

Konna Gvern li żgur sibna ma' wiċċna sfida wara oħra. F'Marzu 2020 kellna l-pandemija. Fl-2022 il-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja, bi sfidi kbar bħal dawk tal-inflazzjoni. Fil-bidu tal-2020 kellna kwestjonijiet ta' governanza li indirizzajniehom b'suċċess. Issa sfida importanti oħra hija t-transizzjoni ekonomika xprunata mill-bidla diġitali u l-qalba ambjentali li rridu mmexxu 'l quddiem.

F'kull ċirkostanza urejna l-istess karatteristiċi: Gvern li jieħu d-deċiżjonijiet bla biża', immexxi mill-interess nazzjonali u li jieħu d-deċiżjonijiet b'kuraġġ u determinazzjoni. (Onor. Membri: Hear, hear) Fuq kollox, deċiżjonijiet li jħarsu lejn is-sostenibilità fit-tul u mhux għas-sitt xhur li ġejjin jew għas-sena d-dieħla, imma deċiżjonijiet li jeħduna lejn l-għaxra, għoxrin sena li

ġejjin. Illum, Sur President, qed nassiguraw il-futur. Ma rridux Malta li tkun dipendenti fuq linji barranin. Nifhmu l-importanza tal-linji barranin għas-settur turistiku tagħna. Ħaddieħor għamel xhur, sottilment f'kumitati parlamentari, jipprova jagħmel ħsara lil-linji barranin li joperaw f'pajjiżna. F'numru ta' okkażjonijiet saħansitra pprovaw b'xi mod iħarbtu l-mudell tal-operat tagħhom! Aħna nifhmu li dawk huma kruċjali għas-settur turistiku tagħna, imma daqstant ieħor pajjiżna jixraqlu li għal-lat soċjali, għal-lat ekonomiku, u anke għas-sens ta' orgolju nazzjonali, ikollu linja nazzjonali tal-ajru. U se jibqa' jkollu dik il-linja nazzjonali tal-ajru.

Fis-snin 70 il-mibki Perit Mintoff kellu l-viżjoni li pajjiżna jixraqlu jkollu linja nazzjonali tal-ajru, u dik hija l-istess viżjoni li għandi jien għall-pajjiż, dik hija viżjoni li rridu nibqgħu ngħixuha u b'mod responsabbli nassiguraw li pajjiżna jkollu linja nazzjonali tal-ajru li tkun waħda vijabbli, sostenibbli u fuq kollox li tibqa' tagħmilna kburin u kburin ħafna li aħna Għawdxin u Maltin. (Onor. Membri: Hear, hear)